MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 242/2011

**AB**

**Vs.**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent AB u l-intimata C D huma legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Settembru tas-sena 2009 redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Sean Critien, (u dan kif inhu evidenzjat mill-kopja ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. KG1**);

2. Illi l-partijiet ghandhom tliet ulied minuri, u cioe' T li twieldet nhar it-12 ta'Lulju 2003, R li twieled nhar is-17 ta'

Gunju tas-sena 2005 u L li twieldet nhar is-27 ta' Settembru tas-sena 2007;

3. Illi permezz ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet fl-ismijiet premessi ftehemu li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied ghandha tkun kongunta b'dan illi l-istess ulied jghixu ma' l-intimata gewwa Malta u tkun l-istess intimata li tiehu d-decizjonijiet ordinarji izda d-decizjonijiet straordinarji relatati ma' l-edukazzjoni, sahha u safar ta' l-istess minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet;

4. Illi l-partijiet ftehemu wkoll li r-rikorrent ikollu access liberu fil-konfront tal-minuri izda f'kaz li l-partijiet ma jiftehmux, l-partijiet ftehemu wkoll li r-rikorrent ikollu access minimu kif jirrizulta minn kDsola numru 2(b) ta' l-imsemmi kuntratt anness Dokument KG 1;

5. Illi l-partijiet ftehemu wkoll li r-rikorrent ghandu jhallas is-somma kumplessiva ta' €120 fil-gimgha rapprezentanti l-manteniment ghat-tliet ulied, u dan sakemm l-istess minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax (18) –il sena;

6. Illi minhabba l-hinijiet tax-xoghol tieghu, kif ukoll minhabba nuqqas kbir ta' ko-operazzjoni da parti ta' l-intimata, l-partijiet qed ikollhom problemi dwar l-access tar-rikorrent fil-konfront tal-minuri bil-konsegwenza li l-istess rikorrent, dan l-ahhar kien kostrett inaqqas mill-hinijiet tax-xoghol tieghu bhala '*self-employed tile-layer*' *stante* li l-intimata ddecidiet li ssiefer barra minn Malta ghal tmien (8) gimghat shah minghajr il-minuri u kien kostrett jiehu hsieb lill-minuri b'mod esklussiv. Dan ghaliex l-istess intimata qieghda taghti interpretazzjoni hazina ta' l-artikolu 2(e) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni msemmi bir-rizultat li mill-gurnata tas-separazzjoni dejjem siefret perjodu ta' mhux anqas minn tmien gimghat waheda minghajr l-ulied fis-sena meta dan l-artikolu tal-kuntratt jaghmel referenza ghal safar ma' l-ulied u xejn aktar u minhabba f'hekk ir-rikorrent tilef hafna xoghol liema xoghol iservi anki biex jithallas il-manteniment;

7. Illi l-istess intimata mhiex qed tikkoopera wkoll f’dawk l-okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent jinqabad fuq ix-xoghol u ghalhekk ma jkunx jista` jigbor lill-minuri ezatt fil-hin miftiehem ta’ l-access izda ftit wara tant illi l-intimata jekk jasal tard tirrifjuta li ttih it-tfal u taghmel rapporti mal-Pulizija;

8. Illi sabiex l-esponent ikun jista jaghmel xogholu sew u anki jkun jista jibqa’ jhallas is-somma ta’ €120 manteniment fil-gimgha lill-intimata hemm bzonn li l-hinijiet ta’ l-access fil-konfront tal-minuri jigu kjarifikati u rrangati anki sabiex l-intimata ma tabbuzax minn dak li hemm miktub fil-kuntratt;

9. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li l-hinijiet tax-xoghol tar-rikorrent normalment huma mis-6.30a.m. ta’ filghodu sal-4.00p.m;

10. Illi l-intimata ma tahdimx u ghaldaqstant ghandha hinijiet flessibbli;

11. Illi r-rikorrent ntavola rikors fejn spjega b’mod dettaljat ic-cirkostanzi li taw lok ghall-proceduri odjerni izda sal-gurnata odjerna dan ghadu pendenti stante li l-intimata ma’ tistax tigi notifikata. Ghal kull buon fini, kopja ta’ dan l-istess rikors qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. KG2**;

12. Illi l-intimata ma tifhimx bil-lingwa Maltija u ghaldaqstant qed tigi annessa traduzzjoni ta’ dan ir-rikors guramentat ghal-lingwa Ingliza dokument **Dok. KG3** ;

13. Illi l-medjazzjoni ma sehhitx, principalment ghaliex l-intimata minflok pruvat tiftiehem mar-rikorrent dwar il-problemi li qed jinqalghu fuq il-kura u kustodja tal-minuri u l-access, qieghda tinsisti li tiehu lill-minuri jghixu barra minn Malta specifikatament tohodhom jghixu gewwa l-Ingilterra u jghixu fuq l-ghajnuna socjali liema talba r-rikorrent ma jaqbilx maghha b’mod assolut anki ghaliex il-minuri ghandhom il-missierhom u bosta familjari taghhom f’Malta u hawnhekk ma jonqoshom xejn.

14. Illi qieghda tigi hawn annessa kopja tad-Digriet datat it-2 ta’ Gunju, 2011 (ara **Dok. KG4**) u li permezz tieghu r-rikorrent gie awtorizzat sabiex jintavola l-kawza odjerna;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Fl-ahjar interessi tal-minuri tvarja l-access tar-rikorrent fil-konfront tal-minuri ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 2 sub-artikoli (i), (ii) (iii) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 1 ta Settembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien u dan billi jinbidel kif isegwi:

(i) Tul l-istagun skolastiku (artikolu 2 sub-artikoli (i) u (ii)) l-esponent ikollu access kull nhar ta’ Erbgha u nhar ta’ Gimgha mill-4.00p.m. sas-6.00p.m., filwaqt li fi tmiem il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta’ Gimgha u jirritornahom il-Hadd fil-5.00p.m.;

(ii) Fiz-zmien li t-tfal ma jkollhomx skola (artikolu 2 sub-artikolu (iii)) l-esponent ikollu access kull nhar ta’ Erbgha u nhar ta’ Gimgha mill-4.00p.m. sas-7.00p.m., filwaqt li fi tmiem il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta’ Gimgha u jirritorna lit-tfal fis-7.00p.m. nhar ta’ Hadd;

u fil-bqija tikkonferma il-provvedimenti tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

(3) Tordna u tiddikjara, li fl-ahjar interessi tal-minuri, li l-intimata tista’ thalli lill-ulied minuri ghal zewg perjodi ta’ gimgha kull darba biss fis-sena mal-intimat u suggett illi ttih avviz bid-data ta’ meta ser issiefer mill-anqas xaharejn qabel sakemm ma jkunx hemm qbil iehor bejn il-partijiet;

(4) Tordna li ghal perjodu li l-intimata tkun imsiefra waheda u l-ulied ikunu mal-missier il-manteniment dovut mir-rikorrent lill-intimata ghal minuri jitnaqqas pro-rata skond il-perjodu li hija tkun nieqsa;

(5) Tordna u tikkonferma, fl-ahjar interessi tal-minuri, li l-minuri ghandhom jibqghu jirrisjedu hawn Malta, b'dan illi f'kaz li l-intimata tiddeciedi li temigra lejn pajjiz iehor, il-kura u l-kustodja tal-minuri taqa' b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrent;

(6) Taghti kwalunkwe ordni u provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti thoss li huwa xieraq u opportun fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz u fl-ahjar interessi tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta guramentata u b'hekk hija kontumaci;

Rat ix-xiehda ta' l-attur, il-provi u d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur;

Rat illi l-konvenuta ma pprezentatx nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ix-xiehda illi ta l-attur permezz tal-procedura tal-affidavit. Huwa xehed illi ilu legalment separat minn mal-konvenuta permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Settembru 2009. L-attur xehed illi fil-kuntratt ta' separazzjoni ftehmu illi l-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri tal-partijiet tkun kongunta bejniethom, b'dan illi t-tfal jghixu Malta, il-konvenuta tista tiehu decizjonijiet ordinarji fir-rigward tat-tfal, izda fir-rigward ta' decizjonijiet straordinarji relatati ma edukazzjoni, sahha u safar tat-tfal, dawn ghandhom jittiehdu flimkien bejn il-partijiet. L-attur ghandu access liberu ghal uliedu, izda il-kDsola 2 (b) tal-kuntratt tirregola l-access ghall-ulied meta il-partijiet ma jiftehmux. L-attur xehed illi l-konvenuta taghmel minn kollox biex ittelfu minn dan l-access, peress illi jekk jinqabad ix-xoghol u imur

ghat-tfal tard, hija tirrifjuta li taghtih it-tfal u taghmel rapport mal-pulizija. Huwa xehed illi jahdem self employed bhala tile layer u normalment jibda ix-xoghol fis-6.30a.m. u jispicca fl-4.00p.m., izda il-konvenuta tippretendi illi meta it-tfal ikollhom l-iskola huwa jigborhom wara l-iskola u dan huwa ma jistax jaghmlu peress illi jahdem. Il-konvenuta ma tahdimx u mhijiex qeghda tkun flessibbli mieghu, il-hin kollu timpika, u dana taghmlu peress illi hu ma iridx jaccetta li hi temigra bit-tfal lejn l-Ingilterra, peress illi ma iridx illi jiccahad minn uliedu. L-attur xehed illi huwa ihallas is-somma ta' mija u ghoxrin ewro (€120) fil-gimgha bhala manteniment ghat-tlett uliedu sa kemm jaghlqu tmintax il-sena u il-manteniment dejjem ihallsu regolarment. Dwar is-safar, l-attur xehed illi huma kienu ftehmu illi l-konvenuta ghandha dritt tiehu lit-tfal barra minn Malta ghall-perjodu li ma jkunx itwal minn tmien gimghat fis-sena u dan sabiex tkun tista tiehu lit-tfal jaraw lill-familjari taghha l-Ingilterra, izda minn meta isseparaw il-konvenuta dejjem siefret il-massimu ta' tmien gimghat shah, izda dan taghmlu minghajr it-tfal u mhux bit-tfal u tippretendi illi hu inaqqas mix-xoghol biex jiehu hsieb lit-tfal meta hija tkun imsiefra. L-attur xehed illi jekk huwa innaqqas mix-xoghol mhux ser ikollu flus biex ihallas il-manteniment dovut lill-uliedu. Meta tkun imsiefra minghajr it-tfal xorta wahda tippretendi illi l-attur ghandu ihallasha il-manteniment, u dan meta t-tfal ikunu mieghu f'dak il-perjodu. L-attur xehed ukoll illi ghandu suspett qawwi illi l-konvenuta regghet qabdet tghix il-hajja ta' xalar u ta' xorb li kienet tghix qabel u dana peress illi fis-7 ta' Awissu 2011 giet ghat-tfal b'riha ta' alcohol u fis-sakra, tant li kellu jaghmel rapport mal-pulizija u ghalhekk jibza illi jekk il-konvenuta tiehu lit-tfal ghal dejjem l-Ingilterra ma jkollux kontroll fuq l-ezempji hziena li hi tista taghti lill-uliedu. Apparti minn hekk, hemm relazzjoni tajba hafna bejnu u bejn uliedhom u la hu ma irid jiccahad minnhom u lanqas huma ma jridu jiccahdu minn missierhom.

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attur kien ipprezenta rikors fit-13 ta' Gunju 2011.

Illi l-konvenuta kienet giet notifikata, ma kienitx ipprezentat risposta u ghalhekk il-Qorti fid-9 ta' Awissu 2011 kienet

laqghet it-talbiet kollha tal-attur rikorrenti u ghalhekk kienet varjat l-access tal-attur fil-konfront tal-minuri ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 2 sub-artikolu (i) (ii) u (iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' Settembru 2009 fis-sens li tul l-istagun skolastiku l-attur ikollu access ghal uliedu kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Gimgha mill-4.00p.m. sas-6.00p.m., filwaqt illi fit-tmien il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta' Gimgha u jirritornahom il-Hadd fil-5.00p.m.  Fiz-zmien li t-tfal ma jkollhomx skola, l-attur ikollu access kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Gimgha mill-4.00p.m. sas-7.00p.m., filwaqt illi fi tmien il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta' Gimgha u jirritornahom fis-7.00p.m. nhar ta' Hadd.

Illi l-Qorti kienet ukoll ordnat illi l-konvenuta tista thalli lill-ulied minuri ghal zewg perjodu ta' gimgha kull darba biss fis-sena mal-attur u suggett illi taghtih avviz bid-data ta' meta ser issiefer mill-anqas xaharejn qabel u il-Qorti ordnat ukoll li ghall-perjodu li l-konvenuta tkun imsiefra wahedha u l-ulied ikunu mal-missier l-attur, il-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta ghall-minuri jitnaqqas pro-rata skond il-perjodu li hija tkun nieqsa minn Malta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-attur irnexxielu jipprova li huwa ghandu ragun illi jitlob illi l-access jigi varjat, kif del resto diga gie milqugh minn digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Awissu 2011, u wkoll illi ghandu ragun illi jesigi illi jkollu  pre-avviz ta' meta il-konvenuta tkun bi hsiebha issiefer u thallih bil-minuri mieghu.

Illi l-Qorti rat ukoll illi huwa gust u ekwu illi meta il-konvenuta issiefer barra minn Malta minghajr l-ulied minuri u l-ulied minuri jkunu mal-attur, il-manteniment dovut lill-konvenuta bhala manteniment ghandu jitnaqqas pro-rata skond kemm tkun assenti minn Malta minghajr l-ulied minuri.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici u ghalhekk qeghda tvarja l-access tal-attur fil-konfront tal-minuri ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 2 tas-sub-artikoli (i), (ii) (iii) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 1 ta Settembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien u dan billi jinbidel kif isegwi:
Matul l-istagun skolastiku (Artikolu 2 sub-artikoli (i) u (ii)), l-attur ikollu access kull nhar ta’ Erbgha u kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00p.m. sas-6.00p.m., filwaqt li fi tmiem il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta’ Gimgha u jirritornahom il-Hadd fil-5.00p.m.;

Fiz-zmien li t-tfal ma jkollhomx skola (Artikolu 2 sub-artikolu (iii)), l-attur ikollu access kull nhar ta’ Erbgha u kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00p.m. sas-7.00p.m., filwaqt li fi tmiem il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta’ Gimgha u jirritornahom fis-7.00p.m. nhar ta’ Hadd;

Fil-bqija, tikkonferma il-provvedimenti tal-kuntratt ta’ separazzjoni.

Il-Qorti qeghda tilqa it-tielet, ir-raba u il-hames talbiet attrici kif dedotti;  Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------